

# Rapport Annwali

**2007**

Sommarju esekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



# Rapport Annwali

## 2007

### Sommarju esekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Indirizz postali: rue Wiertz 60 – B-1047 Brussell  
Uffiċċju: rue Montoyer 63, Brussell, Belġju  
Indirizz elettroniku: edps@edps.europa.eu  
Sit web: www.edps.europa.eu  
Tel. (32-2) 283 19 00  
Faks (32-2) 283 19 50

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġbiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (\*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2008

ISBN 978-92-95030-68-8

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

## Introduzzjoni

Dan huwa s-sommarju esekuttiv tar-raba' Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Dan ir-Rapport ikopri l-2007 bħala t-tielet sena sħiħa ta' attività kemm ilu jeżisti l-KEPD bħala istituzzjoni ġdida.

Peter Hustinx (Kontrollur) u Joaquín Bayo Delgado (Assistent Kontrollur) f'Jannar 2004 assumew il-kariga sabiex jistabbilixxu awtorità indipendenti li tittratta l-protezzjoni tad-data personali fil-livell ta' l-Unjon Ewropea (UE). Kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 <sup>(1)</sup>, l-attivitajiet ewlenin tagħhom huma li:

jissorveljaw l-ipproċessar tad-data personali mill-amministrazzjoni ta' l-UE, u jiżguraw li d-drittijiet u l-libertajiet ta' l-individwi li d-data tagħhom qed tiġi pproċessata ma jinkisrux (sorveljanza);

jagħtu pariri dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida ta' l-UE li jkollha impatt fuq il-protezzjoni tad-data (konsultazzjoni);

jikkooperaw ma' awtoritajiet oħrajn ta' protezzjoni tad-data biex jiżguraw livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tad-data fl-Ewropa kollha (kooperazzjoni).

Ir-rapport juri li nkiseb progress sostanzjali fil-qasam tas-sorveljanza. L-enfasi fuq il-kejl tar-riżultati wassal għal investimenti fl-ilħuq tal-ħtiġiet għall-protezzjoni tad-data fil-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji. Hemm motiv ta' sodisfazzjon, iżda jinħtieġu aktar sforzi biex tinkiseb konformità sħiħa.

Fil-qasam tal-konsultazzjoni, saret ħafna enfasi fuq il-ħtieġa għal qafas konsistenti u effettiv għall-protezzjoni tad-data, kemm fl-ewwel pilastru kif ukoll fit-tielet wieħed, iżda mhux dejjem b'riżultati sodisfaċenti. Ir-rapport jissottolinja wkoll li mill-attivitajiet konsultattivi tal-KEPD jibbenefikaw diversità dejjem tiżdied ta' oqsma ta' politika.

Is-sena 2007 rat l-iffirmar tat-Trattat ta' Lisbona, li jipprevedi t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-data personali, inkluż b'regoli għal sorveljanza indipendenti. It-Trattat il-ġdid huwa punt importanti fl-istorja ta' l-UE, iżda għandu jinftiehem ukoll bħala sfida. Is-salvagwardji fundamentali enfasizzati fit-Trattati jridu jiġu rrealizzati fil-prattika. Dan japplika fejn l-istituzzjonijiet u l-korpi jipproċessaw data personali, iżda wkoll fejn jiżviluppaw regoli u linji ta' politika li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini Ewropej.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.01.2001, p. 1

## Riżultati fl-2007

Ir-Rapport Annwali 2006 semma l-oġġettivi ewlenin li ġejjin li kienu ntgħażlu għall-2007. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-oġġettivi ntlaħqu għal kollox jew parzjalment.

- **Kamp ta' applikazzjoni tan-netwerk ta' l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data**

In-netwerk ta' l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data laħaq il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tiegħu, bl-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji kollha jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu. Il-KEPD kompli jagħti appoġġ qawwi u gwida għall-iżvilupp tal-funzjonijiet ta' l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, b'enfasi fuq uffiċjali maħturin ġodda.

- **Titkompla l-verifika minn qabel**

L-għadd ta' verifiki minn qabel dwar operazzjonijiet ta' pproċessar eżistenti żdied rimarkevolment, iżda l-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi għad fadlilhom xi ħidma biex jissodisfaw l-obbligi li għandhom.

- **Spezzjonijiet u verifiki**

Il-KEPD beda jkejjel il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mir-rebbiegħa 2007. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha ħadu sehem f'dan l-eżerċizzju. Ir-riżultati ġew rappurtati, kemm b'mod ġenerali kif ukoll każ b'każ (ara l-kapitolu 2 tar-Rapport Annwali).

- **Video-sorveljanza**

L-istħarriġ tal-prattiki ta' video-sorveljanza kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll f'dak nazżjonali tlesta, u l-każijiet differenti li jinvolvu istituzzjonijiet jew korpi individwali ġew ittrattati. Din l-esperjenza ser tipprovdi l-bażi għall-abbozz ta' linji gwida li qed jitħejjew.

- **Kwistjonijiet orizzontali**

Opinjoni dwar verifiki minn qabel u deċiżjonijiet dwar ilmenti jiġu analizzati kontinwament għal kwistjonijiet orizzontali. L-ewwel dokumenti bi gwida għall-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji kollha ser jiġu ppubblikati fl-2008. Kwistjonijiet marbutin mal-konservazzjoni ta' data medika jew dixxiplinarja ġew diskussi ma' l-awtoritajiet konċernati.

- **Konsultazzjoni dwar leġiżlazzjoni**

Il-KEPD kompli joħroġ opinjonijiet dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida u ħa ħsieb li jkun hemm segwitu adegwat. Ir-rwol konsultattiv tiegħu jkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti u huwa mibni fuq inventarju sistematiku u għażla ta' prijoritajiet.

- **Protezzjoni tad-data fit-tielet pilastru**

Ingħatat attenzjoni speċjali għall-iżvilupp ta' qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-data fit-tielet pilastru u proposti għall-iskambju ta' data personali li jaqsam il-fruntieri. Sfortunatament, fiż-żewġ każijiet dan kellu biss impatt limitat.

- **Komunikazzjoni tal-protezzjoni tad-data**

Il-KEPD ta appoġġ qawwi lill-attivitajiet ta' segwitu ta' l-"Inizjattiva ta' Londra" mmirata biex "tikkomunika l-protezzjoni tad-data u tagħmilha aktar effettiva".

- **Regoli ta' proċedura**

Ir-regoli ta' proċedura ser jiġu adottati matul l-2008. Kien hemm progress tajjeb fl-iżvilupp ta' manwali tal-każijiet interni differenti.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Kien hemm titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani (tiġdid ta' l-istruttura tal-baġit, regoli interni dwar l-evalwazzjoni tal-persunal, u żvilupp ta' politika dwar it-taħriġ). L-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll interna u l-ħatra ta' uffiċjal għall-protezzjoni tad-data kienu punti oħrajn ta' titjib.

## Objettivi għall-2008

Għall-2008 ntgħażlu l-objettivi ewlenin li ġejjin. Ir-riżultati miksubin ser jiġu rrapportati fir-Rapport Annwali li jmiss.

- **Appoġġ għan-netwerk ta' l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data**

Ser jibqa' l-appoġġ qawwi għall-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data interni, partikolarment għall-aġenziji stabbiliti riċentement. Il-KEPD ser iħeġġeġ ukoll biex ikun hemm aktar skambju fosthom ta' ħiliet esperti u ta' l-aħjar prattiki.

- **Rwol tal-verifika minn qabel**

Il-verifika minn qabel ta' l-operazzjonijiet ta' pproċessar eżistenti għall-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ser tiġi finalizzata. Ser tingħata enfasi speċjali lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

- **Gwida orizzontali**

Ser tiġi żviluppata gwida dwar kwistjonijiet rilevanti komuni għall-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi (eż. ipproċessar ta' data marbuta mas-saħħa, għoti ta' aċċess għas-suġġetti tad-data, u trattament tal-video-sorveljanza).

- **Kejl tal-konformità**

Il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ser tkompli titkejjel u ser jiġu implimentati dejjem aktar l-ispezzjonijiet fil-post. Ser tiġi ppubblikata wkoll politika ġenerali dwar l-ispezzjonijiet.

- **Sistemi fuq skala kbira**

Il-KEPD ser ikompli jiżviluppa sorveljanza koordinata ta' l-Eurodac, flimkien ma' l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, u jiżviluppa ħiliet esperti meħtiġin għas-sorveljanza ta' sistemi fuq skala kbira oħrajn, bħas-SIS II u l-VIS, fil-futur qrib.

- **Opinjonijiet dwar leġislazzjoni**

Il-KEPD ser ikompli joħroġ opinjonijiet jew kummenti fiż-żmien dovut dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida, fuq bażi ta' inventarju sistematiku ta' suġġetti rilevanti u prijoritajiet, u jiżgura li jkun hemm segwitu adegwat.

- **Trattat ta' Lisbona**

Il-KEPD ser ikompli jsegwi l-iżviluppi dwar it-Trattat ta' Lisbona u ser janalizza mill-qrib – u fejn meħtieġ jagħti parir dwar – l-impatt tiegħu fuq il-protezzjoni tad-data.

- **Informazzjoni online**

Il-KEPD bi ħsiebu jaġġorna u jżid l-informazzjoni disponibbli fuq is-sit web u jkompli jtejjeb il-bullettin elettroniku.

- **Regoli ta' proċedura**

Il-KEPD ser jadotta u jippubblika Regoli ta' proċedura, li jkopru r-rwoli u l-attivitajiet differenti tiegħu. Fuq is-sit web ser ikun hemm disponibbli għodod prattiċi għall-partijiet interessati.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Il-KEPD ser jikkonsolida u jkompli jiżviluppa xi attivitajiet marbutin mar-riżorsi finanzjarji u umani, u jsaħħaħ proċessi ta' ħidma interni oħrajn.



## Sorveljanza

Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD hu li jissorvelja b' mod indipendenti l-operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqin mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Komunitarji. Il-qafas legali hu r-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi għadd ta' obbligi għal min jipproċessa d-data, flimkien ma' għadd ta' drittijiet għal min tiġi pproċessata d-data personali tiegħu.

L-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali li ma jippreżentawx riskji speċjali għas-suġġetti tad-data jiġu notifikati lill-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data ta' l-istituzzjoni jew il-korp konċernat. Meta pproċessar ta' data personali jippreżenta riskji speċjali għas-suġġett tad-data, l-ipproċessar jeħtieġ jiġi verifikat minn qabel mill-KEPD. Il-KEPD mbagħad jistabbilixxi jekk l-ipproċessar jikkonformax mar-Regolament jew le.

Il-kompiti tas-sorveljanza, immexxijin mill-Assistent Kontrollur, jinkludu l-għoti ta' pariri u assistenza lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, il-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet ta' pproċessar riskjużi, kif ukoll it-twettiq ta' inkjesti u t-trattament ta' l-ilmenti. Dan il-kompitu jikkonsisti wkoll fil-produzzjoni ta' dokumenti ta' sfond u ta' orjentament, u fis-sorveljanza ta' l-unità ċentrali ta' l-Eurodac.

Fl-2007, il-**verifika minn qabel** baqgħet attività ewlenija fil-kompitu ta' sorveljanza tal-KEPD.

Kif issemma fir-Rapporti Annwali ta' l-2005 kif ukoll ta' l-2006, il-KEPD dejjem baqa' jhegġegħ lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data biex iżidu l-għadd ta' notifikati ta' verifika minn qabel lill-KEPD. L-iskadenza tar-rebbiegħa 2007 biex jaslu n-notifiki għal verifika minn qabel mill-KEPD – każijiet ex post – ġiet iffissata biex iġġiegħel lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jżidu l-isforzi tagħhom ħalli jissodisfaw għal kollox l-obbligu tagħhom ta' notifika. Dan irriżulta f'żieda sostanzjali ta' notifikati.

Minn 101 notifikati, fl-2007 nħarġu **90 opinjoni ta' verifika minn qabel** <sup>(2)</sup>. Dawn il-101 każijiet finalizzati b'opinjoni formali jirrappreżentaw żieda ta' 77,19 % ta' ħidma f'verifika minn qabel imqabbla ma' l-2006. Dan l-ammont ta' ħidma huwa ċertament marbut ma' l-iskadenza tar-”rebbiegħa 2007”.

Minn dawk kienu biss 11 il-**każijiet ta' verifika minn qabel “korretti”**, jiġifieri fejn l-istituzzjonijiet konċernati segwew il-proċedura meħtieġa għal verifika minn qabel, qabel ma implimentaw l-operazzjoni ta' pproċessar. Minbarra dawn il-101 każijiet li nħarġet opinjoni dwarhom, il-KEPD ttratta wkoll 31 każ li nstab li ma kinux soġġetti għal verifika minn qabel – 11 minnhom kienu tal-kategorija tal-monitoraġġ elettroniku.

Rigward il-**perijodi ta' żmien** tal-KEPD u l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, l-għadd ta'jiem meħtieġ mill-KEPD biex ifassal l-opinjoni irriżulta f'jum inqas milli fl-2006

---

(2) Minn 101 notifikati, għal raġunijiet prattiċi u minħabba l-fatt li xi każijiet kienu marbutin flimkien, 15-il notifika ta' l-OLAF ġew ittrattati flimkien f'erba' opinjonijiet differenti. Kien għalhekk li 101 notifikati rriżultaw f'90 opinjoni.

(b' medja ta' 56,9 fl-2007), li tidher ċifra sodisfaċenti ħafna meta titqies iż-żieda fl-għadd u l-komplessità tan-notifiki. L-għadd ta' jiem ta' estenzjoni għall-KEPD wkoll jirrappreżenta kważi jum inqas milli fl-2006. Barra minn hekk, għalkemm l-itwal estenzjoni tista' tilħaq xahrejn, normalment kienet inqas minn xahar.

Madankollu l-KEPD hu mħasseb bil-perijodi twal meħtiġin mill-istituzzjonijiet u l-korpi biex ilestu l-informazzjoni. F'dan il-kuntest, il-KEPD jerġa' jfakkar lill-istituzzjonijiet u l-korpi fl-obbligu tagħhom li jikkooperaw mal-KEPD u li jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Fl-2007, il-**każijiet *ex-post* ta' verifika minn qabel** <sup>(3)</sup> koprew l-aktar il-kwistjonijiet li ġejjin: data medika proċessata minn istituzzjonijiet u korpi, reklutaġġ ta' persunal u għażla ta' kandidati, evalwazzjoni ta' persunal (partikolarment il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u attestazzjoni, kif ukoll il-proċedura ta' rtirar kmieni), proċeduri ta' l-OLAF, fajls ta' servizzi soċjali u monitoraġġ elettroniku.

Għar-rigward ta' kwistjonijiet ewlenin fil-verifika minn qabel korretti, is-sistemi tal-ġestjoni tal-ħin fil-Kummissjoni Ewropea kienu ta' sinifikat fl-2007.

Dwar is-segwitu ta' l-opinjoni tal-verifika minn qabel, fl-2007 l-KEPD għalaq 38 każ, li hu aktar mid-doppju ta' l-2006, ċertament minħabba s-segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD.

Kollox ma' kollox, l-eżerċizzju ta' verifika minn qabel tal-KEPD matul l-2007 juri li **l-iskadenza tar-”rebbiegħa 2007”** wasslet għal żieda enormi fin-notifiki minn bosta uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, speċjalment matul l-ewwel semestru tas-sena. Madankollu, għad jonqos ħafna x'jitjeb fiż-żmien meħud mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji biex iwiegħu t-talbiet għal aktar informazzjoni mill-KEPD.

Għalhekk, fl-2008 l-isforzi ser ikunu kkonċentrati l-aktar fuq il-punti li ġejjin:

- l-istituzzjonijiet għandhom jiffinalizzaw il-proċess tagħhom ta' notifika *ex-post* u l-aġenziji għandhom jimxu pass sostantiv lejn l-istess għan fl-2008;
- is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ser ikompli jsir sistematikament permezz ta' l-informazzjoni mill-kontrollur, u ser isir flimkien ma' spezzjonijiet fil-post. Dawn ser jinkludu wkoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-proċess ta' notifika għall-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data u l-konformità sħiħa ma' l-obbligu ta' notifika ta' każijiet ta' verifika minn qabel korretti lill-KEPD qabel il-bidu ta' operazzjoni ta' pproċessar.

Fl-2007 waslu 65 **ilment**, li 29 minnhom ġew iddikjarati ammissibbli u eżaminati aktar fil-fond mill-KEPD. Maġġoranza kbira ta' l-ilmenti li waslu komplew ikunu 'l barra mill-kompetenzi ta' superviżjoni tal-KEPD, per eżempju għax kienu jittrattaw esklużivament l-ipproċessar ta' data personali fil-livell ta' l-Istati Membri (fejn huma kompetenti l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data). Il-każijiet iddikjarati ammissibbli kienu b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: ġbir esaġerat ta' data dwar viżitaturi, aċċess

<sup>(3)</sup> Verifika minn qabel 'ex post' jirrigwardaw operazzjonijiet ta' pproċessar li bdew qabel il-ħatra tal-KEPD u l-Assistent Kontrollur (17 ta' Jannar 2004), u li għalhekk ma setgħux jiġu verifikati qabel ma bdew.

għad-data, posta elettronika li tintbagħat jew tiġi kkupjata lil ħaddieħor, ħtieġa għad-dettalji tal-karti tal-kreditu, ipproċessar ta' data sensitiva, dritt ta' rettifika u obbligu li tingħata informazzjoni.

Fl-2006 ġie ffirmat Memorandum ta' Ftehim ma' l-**Ombudsman Ewropew** sabiex tiġi evitata duplikazzjoni żejda u jkun żgurat approċċ konsistenti għall-kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data msemmin fl-ilmenti. Fil-prattika, il-Memorandum wassal għal kondivizzjoni utli ta' informazzjoni bejn il-KEPD u l-Ombudsman Ewropew kull fejn dan kien rilevanti.

Matul l-2007 twettqu għadd ta' **inkjesti** f'oqsma differenti. Fosthom, tnejn ħtieġu attenzjoni speċjali mill-KEPD. Dawn kienu l-Verifika tas-Sigurtà ta' l-OLAF u r-rwol tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-każ tas-SWIFT<sup>(4)</sup>.

L-ewwel waħda kienet dwar attivitajiet ta' pproċessar ta' data li jużaw l-istess infrastruttura ta' IT. Il-KEPD ddeċieda li jibda spezzjoni ta' sigurtà u analizza l-miżuri ta' sigurtà ta' l-OLAF b'mod orizzontali. Wara li pprova gwida permezz ta' rakkomandazzjonijiet, il-KEPD kkonkluda li kien sodisfatt ħafna bil-miżuri ta' sigurtà implimentati mill-OLAF fis-sistemi u l-applikazzjonijiet ta' l-IT taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Dwar it-tieni każ, il-KEPD ta Opinjoni fi Frar 2007 li ffukat fuq ir-rwol tal-BĊE bħala sorveljant, utent, u entità li tfassal il-politika. Il-KEPD talab ukoll lill-istituzzjonijiet ewlenin tal-KE biex jipprovdu kjarifiki dwar is-sistemi ta' pagament użati u dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali mas-SWIFT. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li rċieva, il-KEPD rrakkomanda lill-istituzzjonijiet Komunitarji rilevanti miżuri biex jiżguraw li huma jipprovdu biżżejjed informazzjoni lill-membri tal-persunal u lil individwi oħra li jkollhom relazzjonijiet kuntrattwali magħhom. Fl-2008 l-progress f'dan il-qasam ser jiġi segwit mill-qrib.

Il-KEPD kompla wkoll jipprovdi pariri dwar **miżuri amministrattivi** previsti mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji rigward l-ipproċessar tad-data personali. Tqanqlu għadd ta' kwistjonijiet diffiċli, fosthom il-ħolqien ta' perijodi ta' konservazzjoni għal ċerti kategoriji ta' fajls, dokumenti ta' politika dwar l-Internet, proċeduri ta' investigazzjoni kontra l-frodi u l-korruzzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni, regoli ta' implimentazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-applikabbiltà tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data nazzjonali.

Il-KEPD kompla bil-ħidma dwar il-**linji gwida** tiegħu **għall-video-sorveljanza** biex jipprovdi gwida Prattika lill-istituzzjonijiet u l-korpi dwar konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data fl-użu ta' sistemi ta' video-sorveljanza. Fir-rebbiegħa 2007, huwa wettaq stħarriġ internazzjonali fost l-Istati Membri ta' l-UE, bl-għajjnuna ta' l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data. L-istħarriġ kien ikopri r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data applikati għall-prattiki tal-video-sorveljanza fl-UE kollha. Il-KEPD ta parir ukoll dwar tliet talbiet ta' konsultazzjoni rigward il-video-sorveljanza u li waslu għand l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data ta' żewġ istituzzjonijiet. It-tliet każi kienu dwar l-użu tat-teknoloġija tal-video għal finijiet mhux marbutin mas-sigurtà.

---

(4) Society for Worldwide Interbank Financial Telecommunication (Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija).

Matul l-2007 tkomplet il-ħidma konġunta flimkien ma' l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data dwar is-superviżjoni kondiviża ta' l-**Eurodac**. Wara t-tnedija ta' verifika fil-fond dwar is-sigurtà f'Settembru 2006, f'Novembru 2007 ġie ppreżentat rapport finali tal-verifika.

Skond ftehim bejn il-KEPD u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u ta' l-Infommazzjoni, l-Aġenzija pprovdiet kuntatti ma' organizzazzjonijiet esperti nazzjonali, u tat pariri dwar il-metodoloġija tal-verifika dwar is-sigurtà. Il-KEPD approva l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet. Il-konklużjoni ewlenija kienet li l-miżuri ta' sigurtà implimentati fil-bidu rigward l-Eurodac u l-mod kif dawn inżammu matul l-ewwel erba' snin ta' attività s'issa pprovdew livell xieraq ta' protezzjoni. Madankollu, xi partijiet mis-sistemi u s-sigurtà organizzattiva għandhom ċerti dgħjufiji li jridu jiġu ttrattati.

## Konsultazzjoni

Fl-2007, il-KEPD ta aktar effett lill-kompitu tiegħu bħala konsulent dwar proposti għal leġislazzjoni ta' l-UE u dokumenti relatati oħrajn.

Aktar milli fis-snin ta' qabel, il-**futur tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-data** nnifsu kien is-suġġett ta' l-attivitajiet tal-KEPD.

L-ewwelnett, il-proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali kompliet tiegħu ħafna mill-attenzjoni tal-KEPD.

It-tieni, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, il-KEPD esprima l-fehma li jidher li fil-futur fit-tul it-tibdil għad-Direttiva ser ikun inevitabli u ssuġġerixxa li jibdew isiru ħsibijiet dwar dan mill-aktar fis possibbli. It-tielet, ġie ffirmat it-Trattat ta' Lisbona b'implikazzjonijiet konsiderevoli għall-protezzjoni tad-data.

Il-KEPD qies għall-ewwel darba l-possibbiltà tal-ħtieġa fil-ġejjieni għal qafas legali speċifiku għall-protezzjoni tad-data fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-**Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID)**. Dan il-qasam speċifiku huwa fundamentalment ġdid u jista' jkollu impatt kruċjali fuq is-soċjeta' tagħna u fuq il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali bħall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Fl-2007, l-attivitajiet tal-KEPD sehnew f'kuntest ta' żviluppi differenti li kellhom id-denominatur komuni li kollha kkontribwew għall-evoluzzjoni ta' "**Soċjeta' ta' Sorveljanza**". Dawn l-iżviluppi jinkludu strumenti ġodda ta' ġbir u pproċessar ta' informazzjoni personali għall-infurzar tal-liġi, l-użu akbar tal-bijometrika u l-RFID, kif ukoll l-importanza dejjem tikber ta' flussi ta' data dinjija.

Fl-2007 l-KEPD ħareġ **12-il opinjoni** dwar proposti ta' leġislazzjoni ta' l-UE. Barra minn hekk, huwa għamel użu ikbar minn strumenti oħrajn ta' intervent, bħalma huma kummenti. Madankollu, din l-għażla ta' strumenti m'għandhiex tintfiehmed bħala bidla strutturali fl-approċċ.

Il-KEPD kkjarifika li l-objettiv tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċess leġislattiv ta' l-UE hu li jippromwovi attivament il-prinċipju li miżuri leġislattivi jittieħdu biss wara konsiderazzjoni dovuta ta' l-impatt tal-miżuri fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Il-valutazzjonijiet ta' l-impatt imwettqin mill-Kummissjoni jridu jagħtu attenzjoni adegwata lill-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

## Inventarju

F'Diċembru 2007, l-**Inventarju 2008** (it-tieni inventarju annwali) ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-KEPD. Huwa jsegwi l-linji ewlenin kif stabbiliti fl-Inventarju 2007.

L-Anness ta' l-Inventarju juri li l-ambitu ta' l-attività tal-KEPD issa jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. Il-proposti elenkati jirrigwardaw 13-il servizz differenti tal-Kummissjoni (ADMIN, EMPL, ENT, ESTAT, INFOS, JLS, MARKT, OLAF, RELEX, SANCO, SG, TAXUD u TREN).

## Opinjoni

Fil-qasam tal-**libertà, sigurtà u ġustizzja** (it- "tiolet pilastru", qasam sostanzjali ta' intervent għall-KEPD), kwistjoni prinċipali kienet l-adozzjoni ta' proposti ġodda li jiffaċilitaw il-ħżin minn u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, mingħajr valutazzjoni xierqa ta' l-effettività ta' l-istrumenti legali eżistenti. Strumenti ġodda jitfasslu qabel ma l-istrumenti eżistenti jkunu ġew implimentati sew. Din il-kwistjoni kienet ta' rilevanza partikolari fir-rigward tat-traspożizzjoni tat-Trattat ta' Prüm għal-livell ta' l-UE u għas-sistema Ewropea tar-Reġistru ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri.

Kwistjoni oħra li kellha rwol ċentrali fl-opinjoni tal-KEPD dwar it-tiolet pilastru kienet in-nuqqas ta' qafas legali komprensiv għall-protezzjoni tad-data.

It-tiolet kwistjoni ta' importanza hija l-fatt li r-regoli ta' l-UE jagħmluha obligatorja għall-Istati Membri li jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali għal ċerti kompiti, iżda jagħtuhom diskrezzjoni wiesgħa fil-kondizzjonijiet għall-ħidma tagħhom. Dan ixekkel l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u jaffettwa ċ-ċertezza legali tas-suġġett tad-data li d-data tiegħu tintbagħat bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri differenti.

L-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi għal finijiet ta' infurzar tal-liġi kien kwistjoni separata, ittrattata f'opinjonijiet differenti tal-KEPD.

Inħarġu żewġ opinjonijiet fir-rigward ta' komunikazzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni dwar il-**qafas futur għall-protezzjoni tad-data**. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data <sup>(5)</sup>, il-KEPD identifika perspettivi varji ta' kuntest li qed jinbidel, li waħda minnhom hi l-interazzjoni mat-teknoloġija. L-iżviluppi teknoloġiċi ġodda għandhom impatt ċar fuq il-ħtiġiet għal qafas legali effettiv għall-protezzjoni tad-data. Karatteristika kruċjali ta' dawn l-iżviluppi teknoloġiċi hu l-RFID, li kien is-suġġett ta' Opinjonijiet separata tal-KEPD.

Il-ħames opinjonijiet l-oħrajn maħruġin fl-2007 kienu ta' natura varjata u ttrattaw oqsma ta' politika bħad-dwana, l-istatistika, it-trasport bit-triq, l-agrikoltura u s-sigurtà soċjali.

<sup>(5)</sup> Opinjonijiet tal-25 ta' Lulju 2007 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tkomplija ta' xogħol fuq il-Programm ta' Ħidma għall-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, ĠU C 255, 27.10.2007, p. 1.

## Żviluppi Ġodda

Fl-Opinjoni tal-KEPD dwar il-Komunikazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data ġew identifikati ħames perspettivi għal tibdil fil-futur, li huma:

- l-interazzjoni mat-teknoloġija;
- l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona;
- l-infurzar tal-liġi;
- il-privatezza u l-ġurisdizzjoni globali; u
- l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva.

Dawn ser iservu bħala l-aġenda għall-attivitajiet futuri tal-KEPD.

Dwar **l-interazzjoni mat-teknoloġija**, għandhom jiġu enfasizzati x-xejriet li ġejjin:

- il-ħajja soċjali ta' l-individwi hija dejjem aktar diġitalizzata permezz ta' applikazzjonijiet imħaddmin mill-utent li fihom tiddaħħal data l-biċċa l-kbira minnha personali;
- iċ-ċentri tad-data jistgħu jniedu t-tmiem tad-desktop fejn sa issa kienet tiġi pproċessata d-data, u aktar speċifikament id-data personali;
- l-isforzi ta' Riċerka u Żvilupp (R&Ż) Ewropej huma opportunità tajba ħafna biex jiddaħħlu ħtiġiet ta' privatezza u protezzjoni tad-data, u l-prinċipju ta' 'privatezza fid-disinn' (privacy by design) għandu jagħmel parti integrali minn dawn l-inizjattivi ta' R&Ż.

Il-qafas legali ta' l-UE wasal biex jinbidel bid-dħul fis-seħħ tat-**Trattat ta' Lisbona**. Dan ser ikollu konsegwenzi wkoll għall-attivitajiet tal-KEPD fir-rwol tiegħu bħala konsulent.

Fl-aħħarnett, il-KEPD ser jipparteċipa attivament fid-diskussjonijiet dwar it-tibdil futur possibbli tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, u f'xi drabi anki jibdihom huwa stess.

## Kooperazzjoni

Il-forum ewlieni għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data fl-Ewropa huwa l-**Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29**. Il-KEPD jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, li għandu rwol kruċjali fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tal-prinċipji ġenerali tad-Direttiva 95/46.

Il-Grupp ta' Ħidma jista' joħroġ opinjonijiet utli ħafna dwar proposti għal leġislazzjoni jew dokumenti simili, partikolarment billi dawn jista' jkun fihom punti ta' attenzjoni speċjali mill-perspettiva nazzjonali. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon dawn l-opinjonijiet, li huma konsistenti ma' l-opinjonijiet tiegħu u li għalihom huwa kkontribwixxa attivament. Eżempji ta' sinerġiji tajbin bejn l-opinjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma u l-KEPD matul l-2007 kienu fil-qasam ta' l-istruzzjonijiet konsulari komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari fir-rigward ta' l-introduzzjoni tal-bijometrika, kif ukoll fit-trasferimenti tad-data tal-passiġġieri mil-linji ta' l-ajru lill-Istati Uniti u fl-użu tar-reġistri ta' l-ismijiet tal-passiġġieri għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.

Il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma kkollaboraw mill-qrib ukoll fl-analiżi ta' żewġ sistemi kbar fl-ewwel pilastru, li huma s-sistema ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u s-sistema ta' informazzjoni dwar is-suq intern.

Waħda mill-ħidmiet kooperattivi l-aktar importanti kienet dwar l-**Eurodac**, fejn ir-responsabbiltajiet għall-kontroll tal-protezzjoni tad-data jinqasmu bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-KEPD. F'Lulju 2007, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll ta' l-Eurodac – magħmul mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-KEPD – ħareġ rapport dwar l-ewwel spezzjoni koordinata tagħhom ta' l-Eurodac. Il-Grupp ma sabx ħjiel ta' abbuż mis-sistema ta' l-Eurodac. Madankollu, ċerti aspetti, bħall-informazzjoni lill-persuni konċernati, jeħtieġ li jitjiebu.

Il-KEPD għandu dmir li jikkoopera ma' l-awtoritajiet ta' kontroll għall-protezzjoni tad-data fit-**tielet pilastru** ta' l-UE. Il-KEPD jistinka biex ikun żgurat livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tad-data fil-ħidmiet ta' l-Awtoritajiet ta' Kontroll Komuni għal Schengen, l-Europol, l-Eurojust u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali. Fl-2007, l-attenzjoni kienet iffukata fuq żewġ suġġetti ewlenin: il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni qafas dwar il-protezzjoni tad-data fit-tielet pilastru u l-iskambju ta' informazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi skond il-prinċipju tad-disponibbiltà. Barra minn hekk, il-KEPD kkontribwixxa attivament għat-tliet laqgħat organizzati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja matul l-2007.

Il-KEPD ħa sehem ukoll fil-**konferenzi Ewropej u Internazzjonali** dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Din ta' l-aħħar, li saret f'Montreal f'Settembru 2007, iffukat fuq il-bosta kwistjonijiet li jiġu ttrattati mill-kummissarji għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza,



bħalma huma s-sigurtà pubblika, il-globalizzazzjoni, il-liġi u t-teknoloġija, l-”informatika ma’ kullimkien” (ubiquitous computing) u l-”ġisem uman bħala data”. Il-KEPD ppresieda sessjoni magħluqa għall-kummissarji dwar l-inizjattiva ta’ Londra u kkontribwixxa għal sessjoni ta’ ħidma dwar il-globalizzazzjoni.

## Komunikazzjoni

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni għadhom jiffurmaw parti ewlenija mill-istrateġija u l-ħidma ta' kuljum ta' l-istituzzjoni. Għalkemm m'humiex fost ir-rwoli ewlenin tal-KEPD, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni huma ta' importanza assolutament kruċjali għall-impatt prattiku tal-kompiti ewlenin tiegħu.

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-KEPD matul l-ewwel snin tiegħu ta' attività kienu ffukati b'mod ċar fuq iż-żieda fil-**viżibilità** tal-KEPD fil-mappa politika ta' l-UE. Tliet snin wara l-bidu tal-ħidma, issa nistgħu naraw ir-riżultati pożittivi ta' dawn l-isforzi komunikattivi. Eżempju wieħed ta' dan hu l-għażla tal-Kontrollur bħala wieħed mill-50 nomina ta' European Voice għall-premju Ewropew tas-Sena 2007.

Bħala wieħed mill-artefiċi ewlenin ta' l-**"Inizjattiva ta' Londra"** mfassla biex il-komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data nnifisha jsiru aktar effettivi, il-KEPD kompla billi fi Frar 2007 ħa sehem attiv fis-sessjoni ta' ħidma ta' komunikazzjoni ospitata mill-awtorità Franċiża għall-protezzjoni tad-data (CNIL). Riżultat sinifikattiv wieħed kien il-ħolqien ta' netwerk ta' uffiċjali ta' komunikazzjoni li permezz tagħhom l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data ser ikunu jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki u jwettqu proġetti speċifiċi.

Fl-2007, il-KEPD kompla jinvesti ammonti sostanzjali ta' ħin u sforzi biex ifisser il-missjoni tiegħu u jqajjem għarfien dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data **f'diskorsi** u kontribuzzjonijiet simili għal istituzzjonijiet differenti f'diversi Stati Membri. Barra minn dan, il-KEPD ta madwar għoxrin **intervista** lil ġurnalisti ta' gazzetti, xandir u mezzi elettroniċi minn Stati Membri jew pajjiżi terzi differenti. Huwa laqa' wkoll **żjarat minn gruppi ta' studenti** speċjalizzati fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u/jew temi ta' sigurtà fl-IT.

Is-Servizz ta' l-Istampa ttratta madwar 160 **talba għal informazzjoni** u pariri minn firxa wiesgħa ta' individwi u partijiet interessati.

Bl-għan li jagħti aktar viżibilità lill-attivitajiet tiegħu li kienu għaddejnin, il-KEPD kompla juża l-għodod ta' informazzjoni u komunikazzjoni li ġejjin:

- **sit web:** fi Frar 2007 ħarġet verżjoni ġdida tas-sit web. Dan juża t-teknoloġija web content management system (WCMS) imfassla biex tiffaċilita l-immaniġġar ta' għadd kbir ta' dokumenti;
- **bulletin elettroniku:** fl-2007 ġew ippublikati ħames ħarġiet tal-bullettin tal-KEPD. L-għadd ta' abbonati żdied minn madwar 460 persuna fi tmiem l-2006 għal total ta' 635 fi tmiem l-2007;

- **stqarrijiet għall-istampa:** fl-2007, is-Servizz ta' l-Istampa ħareġ erbatax-il stqarrija għall-istampa, il-biċċa l-kbira minnhom dwar opinjonijiet legiſlattivi ġodda li kienu ta' rilevanza pubblika ġenerali prominenti;
- **avvenimenti promozzjonali:** il-KEPD reġa' ħa sehem f'Jum il-Protezzjoni tad-Data u fil-Jum bil-Bibien Miftuħa ta' l-UE; kjoskijiet ta' informazzjoni fl-istituzzjonijiet ewlenin ta' l-UE.

## Amministrazzjoni, baġit u persunal

Il-KEPD bħala awtorità stabbilita reċentement kompliet tikber, u fl-2007 kisbet aktar riżorsi meta mqabbel ma' l-2006. Il-baġit żdied minn aktar minn 4 miljuni sa ffit inqas minn 5 miljun EUR u l-persunal żdied minn 24 għal 29. L-ambjent amministrattiv twessa' gradwalment. Barra minn hekk, ġew adottati regoli interni ġodda meħtieġa għat-tħaddim tajjeb ta' l-istituzzjoni abbażi tal-prijoritajiet annwali u b'kont meħud tal-bżonnijiet u d-daqs ta' l-istituzzjoni.

Il-kollaborazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea kompliet titjeb, u dan ippermetta ekonomiji ta' skala konsiderevoli waqt li ġiet evitata d-duplikazzjoni bla bżonn ta' infrastrutturi amministrattivi bi tnaqqis ta' nfiq amministrattiv mhux produttiv.

F'termini ta' riżorsi umani, minbarra r-reklutaġġ, il-programm ta' apprendistat kompli jħarreġ bejn tnejn u tliet apprendisti kull semestru. Barra minn hekk, il-KEPD adotta politika ta' taħriġ intern ibbażata fuq l-attivitajiet speċifiċi ta' l-istituzzjoni, kif ukoll fuq l-oġettivi strateġiċi tagħha.

B'riżultat ta' l-ewwel verifika mwettqa mis-Servizz ta' Verifika Intern, ir-rapport ta' verifika rċevut fl-2007 kkonferma l-kapaċità tas-sistema ta' kontroll interna tal-KEPD li tipprovdi garanzija raġonevoli għall-kisba ta' l-oġettivi ta' l-istituzzjoni.

Inħatar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (UPD) biex jiżgura l-applikazzjoni interna tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Fl-2007 nħoloq inventarju ta' operazzjonijiet li jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali.

Il-KEPD beda jaħdem fuq l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' ġestjoni tal-posta elettronika, bl-appoġġ tas-servizzi tal-Parlament Ewropew.

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**Rapport Annwali 2007 – Sommarju esekuttiv**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2008 – 19 pp. – 21 x 29,7 ċm

ISBN 978-92-95030-68-8

### **Kif tista' tikseb pubblikazzjonijiet ta' I-UE?**

Il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li huma għall-bejgħ jistgħu jinkisbu mill-Bookshop ta' I-UE <http://bookshop.europa.eu> fejn inti tista' tordna mill-uffiċċju tal-bejgħ li tixtieq.

Tista' wkoll titlob lista ta' l-operaturi tan-netwerk tal-bejgħ tagħna madwar id-dinja billi tibgħat feks lil dan in-numru: (352) 2929 42758.



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*Il-gwardjan Ewropew  
tal-protezzjoni tad-data personali*

**[www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu)**